# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Diane Vella )

Vs

Miguele Borg

Illum 24 ta’ Frar, 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta’ Miguele Borg, bin Josef u Samantha nee Grech imwieled fil-17/01/2005 u joqghod 193A, Cavallino Rampante, Triq il-Parija, Santa Venera. ID 25505L.

Billi int akkuzat talli fl-21 ta’ Lulju, 2023 ghall-habta ta’ 06.10 hrs fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara, soqt vettura b’numru ta’ registrazzjoni SOS888.

1. Minghajr ma kont kopert b`polza tas-sigurta` dwar ir-riskji tat-terzi persuni, Kap 104 Sec 3(1)

2. U b’nuqqas ta’ hsieb u bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b’nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, tat-traffiku, hbatt ma vettura nru. JDP887 w involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta` Patrick Camilleri. Kap 9 Art 328 (d)

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikolu 328( d)tal-Kap 9 u art 3(1) tal-Kap 104 u fil-L.S. 65.18Art 36(B) u fil-LS65.18 Sitt Skeda  tal-Ligijiet ta’ Malta

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**PS40 M Schembri M Fenech** xehed permezz ta` affidavit

**Maria Attard, xehdet hekk**

Qorti: Inti qeghda inrapprezentanza ta` xi hadd?

Xhud: Mapfre Middlesea.

Qorti: Mela fuq il-polza rigwardanti il-vettura SOS 888 x`tista tghidli?

Xhud: Jien nista nikkonferma li l-policy holder fuq dik il-vettura Josef Borg on behalf of Smart Office Supplies Ltd kienet assigurata mill-1 ta` Awwissu 2022 sa 31 ta` Lulju 2023 u l-authorised drivers kienu the policy holder and any driver age 21 and over driving on the policy holders or their permission.

Qorti: Mela ha nar hux qed nifhemek sew intom ex contranctu xi ħadd taħt 21 ma kontux ħa tkun?

Xhud: Hekk hu.

Qorti: Imma X lege iva hux hekk?

Xhud: Third parties iva lill-assigurat le.

Qorti: Jekk ikollok hi x`kienet comprehensive jew third party?

Xhud: Third parties jek X leges ikollhom sentenza tal-Qorti int kont ha tonorawhom hux hekk?

Xhud: Lil terzi iva fil-konfront.

Qorti: Tista tikkonferma ic-ċertifikat sinjura fl-atti?

Xhud: Iva nikkonfermah.

**<u>Patrick Camilleri, xehed hekk</u>**

Pros: Inti kellek xi inċident?

Xhud: Iva.

Pros: Tiftakar, il-ġurnata?

Xhud: Bl-eżatt le naf li kien lejn l-aħħar t'Awwissu jekk m'iniex sejjer żball.

Pros: Ta' liema sena?

Xhud: Tas-sena l-oħra 2023. Jidhirli lejn l-aħħar t'Awwissu jekk m'iniex sejjer żball jew fil-fin-nofs tiegħu xi mkien hemmhekk. Mela bażikament il-post viċin il-Eurosport fi triq Psaila street. Mela bażikament kont qiegħed fi triqti għax-xogħol u mxejna aktar il quddiem għax naf li jkun hemm ħanut miftuħ kmieni biex nixtri xi ħaġa u jiena kont sejjer fid-direzzjoni int u sejjer lejn Naxxar biex niftiehmu u għandu oppożizzjoni of the street nara parking illi qasam ghalih eżatt kif indur nisma' ovvjament, jiġifieri jiena kont qiegħed on the left side u l-parkeġġ kien qiegħed hawnhekk kif eżatt ħa nidħol fil-parking hekk biex niftehmu biex nirriversja ġo fih inħoss ovvjament daqqa minn wara.

Pros: Tgħarraf lill-persuna li kellek l-inċident miegħu hawnhekk ġewwa l-awla indikalna liem hu?

Xhud: Li jismu Miguel.

Qorti: Ix-xhud indika lil imputat.

Pros: X' kien qed isuq bħala vettura?

Xhud: Bħala bħala marka jidhirli Nissan kien vann griż jekk mhux sejjer żball.

Pros: U bħala dannu sofrejt bħala dannu?

Xhud: Bħala dannu fuq il-karozza, l-ammont?

Pros: Kellek dannuu fuq il-karozza?

Xhud: Le bħala fiżika damages ħassejt daqsxejn tuġagħni, imma mill-bqija mbagħad kollox mort ghand it-tabib u ċertifikati korretti m'għadnix inħoss xejn jiġifieri.

**Ikkunsidrat**

Illi x-xhud okulari Patrick Camilleri xehed li hu kien habat f`Awissu tal-2023 u mhux fil-21 ta` Lulju 2023. Dan ifiser li ma hemmx l-livell ta` provi rikjesti fil-kamp kriminali ta` *beyond a reasonable doubt* u bhekk l-imputat mhux hati tal-imputazzjonijet fil-konfront tieghu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat  l-artikolu 328( d) tal-Kap 9 u art 3(1) tal-Kap 104  u fil-L.S. 65.18Art 36(B) u fil-LS65.18 Sitt Skeda  tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lil

Miguele Borg  hati tal-imputazzjoni fil-konfront tieghu  u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**